Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL-HAMSA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 6 ta' April 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.45pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Agent-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| **Skuzata** | Dr. | MARIA LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sinjura Tania Attard intalbet tesprimi ruhha rigward l-*issue* tal-qtates. Hi qalet li l-ewwelnet hi *animal lover* u kellhom qtates igifieri din mhix kwistjoni ta' li qtates huma qatt ma kellhom, imma l-ammont ta' qtates go Gnien l-istazzjon hu ezagerat. Hi wriet ritratti tal-hsara li hi qed isoffri konsegwenza ta' dan fosthom il-pil fuq id-deck chairs, il-hmieg fuq it-turf minhabba li n-*nitrate* jiddanneggah, il-canopy kollha mzarta, zewg sigar mejtin li kellhom jigu maqtugha u li originarjament gew mizruha fl-1893.

Is-Sur Bonnici qal li vera hemm ammont kbir ta' qtates u li hu ezagerat. Is-Sur Cordina qal li vera hi hasra ghax hu ma jixtieqx jghix minflokha imma il-ligi ma tippermettiex li dawn naqbduhom u nnehhuhom kif gie u lahaq.

Is-Sinjura Attard qalet li tkellmet mas-Sur Mario Spiteri u li bhal ma sar fil-Kunsill tal-Furjana tista' ssir Bye-law u dan ikun l-ewwel pass. Is-Sur Spiteri qal li ma messiex intbaghtet l-ittra u mhux gustifikat li ntbaghtet ittra b'avukat f'dan il-kaz. F'dan il-kaz isSegretarju Ezekittiv qal is-Sur Cordina veru aggixxit min jeddha u ghalkemm hi hadet passi minghajr ma kkonsultat mal-Kunsill dan ghamlitu fuq ilment imressaq minn residenti u ghaldaqstant sabiex taghmel xoghlha. Is-Sur Spiteri qal li triq tinstab soluzzjoni ghall-gid tat-tnejn.

Is-Sur Cordina qal li hu ha jitkellem mas-Sur Spiteri li hu habib tieghu sabiex tinstab soluzzjoni. Is-Sur Cassar qal li hi kontra ligi li tabbanduna annimali. Is-Sur Spiteri qal li nistghu nirrilokawhom bhal fuq l-Embankment. Is-Sur Cassar qal li dawn xorta jmorru lura. Is-Sinjura Attard qalet li ma tistax tiftah tieqa. Qalet ukoll li dawn jistghu jigu ri-lokati fl-*industrial estate.* Is-Sur Cassar qal li rridu nibdew mill-*Animal Welfare Department* Is-Sur Spiteri qal li hemm l-appogg tal-Kunsill kollku sabiex tissolva din il-problema.

Is-Sinjura Mary Bonello intalbet titkellem rigward il-problema tad-drenagg li nstab mifqugh fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern. It-tieni problema hi li l-area t'hemm fuq hi minsija u fl-elezzjoni li ghaddiet weghduna li sa ssir it-tarmak u wara ma sarx. Hi qalet li kull ma jridu r-residenti hija ftit imbuttatura sabiex id-Dipartiment tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern u Tiswija ta' Djar jirranga l-area tal-madwar. Il-Kunsill ghandu jikteb lid-Dipartiment sabiex isir ix-xoghol mehtieg i.e tiswija tad-drenagg u manutenzjoni tat-toroq tal-madwar. Kopja ta' din l-ittra ha tintbaghat lir-residenti tal-madwar. Is-Sur Cordina qal li ghada filghodu stess ha jittiehdu ritratti u ha tintbaghat ittra mill-Kunsill.

Is-Sur Roger Clark ghamel rifenza ghall-kostruzzjoni li saret fit-triq tieghu. Hu saqsa jekk il-Kunsill kellux xi forma ta' risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv iccekkjat l-e-mail minhabba li kienet baghtet *reminder* ghall-ittra tal-Kunsill rigward il-kostruzzjoni ta' din it-triq u r-risposta moghtija mill-kuntrattur kienet li dak li kien miftehem mal-Kunsill qabel ghadu jghodd. Il-Kunsill qabel li jiehu decizjoni u pozizzjoni finali.

Is-Sur Jesmond Caruana resident fi Triq il-Mosta intalab jitkellem fuq it-talba li saret mis-Sur Philip Camilleri ghall-estensjoni tal-bankina fi Triq il-Mosta hdejn id-dar tieghu.

Hu qal li ma jaqbilx mat-talba tas-Sur Attard wahda ghax din il-parti tal-bankina ga dejqa hafna u fil-fatt jidhru l-marki tar-roti fejn gieli jhokk it-trakk ta' l-iskart mal-bankina u t-tieni minhabba li t-trakkijiet gieli jitilghu il-bankina u jekk jghaddi xi trakk u jeghleb u jghaffeg lil xi hadd lil min kien ha jzomm resposabbli. Hu kompla u qal li jekk is-Sinjura trid toqghod bilqeghda barra bis-siggu tista' toqghod facilment hdejhom jew taht il-bankina ghax wahda din it-triq tkun maghluqa waqt il-granet tal-festa tar-rahal u li appuntu din it-talba qed issir ghal xahar fis-Sajf biss u ma jhossx li ghandu jinqala' dan kollu.

Is-Sur Cordina qal li hu ga mar fuq il-post u ha l-Perit ta' l-ADT. Hu qal li t-triq dejqa u m'hemmx fejn titwessa iktar il-bankina. Ghaldaqstant din it-talba ma tistax tigi milqugha.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati.

2. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Ittra minghand Kullegg San Nikola rigward kollaborazzjoni sabiex tigi organizzata Family Fun Day go l-iskola. Il-Kunsill ha jghin fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'.
   🗁 Ittra minghand Southend Volleyball Club rigward ghajnuna mill-Kunsill sabiex dan l-isport jigi promotjat gor-rahal taghna.
   🗁 E-mail minghand Duncan Agius promoter ta' LED Belisha Beacon fuq kwotazzjoni mitluba sabiex isiru d-dwal fuq iz-zebra ta' Triq il-Pitkali. Wara li saret diskussjoni gie deciz li dawn ma jsiru ghax jekk isiru l-arblu ha jigi quddiem l-entratura ta' hanut kummercjali.
   🗁 Ittra minghand Attard Subbuteo Club bhala ringrazzjament ta' track suits li l-Kunsill xtara lill-membri tal-Klabb tieghu.
   🗁 Ittra minghand Attard Scout Group rigward talba ghal xiri ta' tnabar godda. Din it-talba ma tistax tigi milqugha.
   🗁 Ittra minghand TCTC rigward korsijiet ghax-Sajf. Il-Kunsill ha jkompli bil-korsijiet bhas-soltu biss din id-darba ha jsiru gol-kamra li l-Kunsill ghandu a dispozizzjoni tieghu fi Gnien Hal Warda. B'hekk il-korsijiet ikunu jistghu jibqghu ghaddejjin bla xkil u fit-tul.
   🗁 E-mail minghand Kullegg Sant'Ignatius rigward donazzjoni ta' kotba ghall-waqt il-Premjazzjoni ta' l-iskola. Il-Kunsill qabel li jinghataw kotba ta' Carmel Mallia u Sare'.
   🗁 Talba sabiex issir attivita' (*Healing Service)* l-grounds ta' Santa Katerina. Din it-talba giet milqugha.
   🗁 E-mail Memo 51 fuq Wi-Fi access points. Il-Kunsill qabel li jsiru fi tlett postijiet: Pjazza Tumas Dingli, Gnien il-Kunsill u Gnien Misrah Kola.
   🗁 Artiklu fuq il-kwistjoni tal-qtates fi Gnien l-Istazzjoni. Dan l-item ga gie diskuss.

3. **TRIQ IL-MINGEL**
   Dan l-item gie diskuss u l-Kunsill iddecieda li ghandha tintbaghat ittra legali, jinghata zmien sakemm tinghata risposta u jekk il-Kunsill ma jirceviex risposta sad-data stipulata jipprocedi bix-xogholijiet ma' kuntrattur iehor.

4. **PJAZZA GWANN PAWLU II**

Is-Sur Zammit qal li t-trakkijiet tal-Fareheit biex imorru ghall-Triq il-Hatab minhabba li ma jdurux qeghdin kull darba jkissru c-centre strip. Hu kompla billi qal li fuq talba tieghu saru zewg bollards bil-konkos u fil-fatt saru tajbin hafna imma xorta l-bollards qed jigu milquta. Is-Sur Pace qal li l-Kunsill ghandu jikteb lis-Sur Mallia sabiex jekk jista' jkun dawn ma jdurux.

5. **BANKINA TRIQ IR-RUZELL**

Is-Segretarju qalet li qed tircievi hafna lmenti fuq il-bankina li hemm Triq ir-Ruzell ma' Triq l-Imdina. Hi qalet li tkellmet mas-Sid tal-binja u dan qal lil-linji moghtija kienu dawk tal-MEPA u ghaldaqstant il-bini gie rtirat il-gewwa u l-bankina saret fuq dik ezistenti. Il-Kunsill ha jerga' jkellem is-Sid u jekk hemm bzonn din tigi rrangata.

6. **GNIEN HAL WARDA**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill li x-xogholijiet fuq Gnien Hal Warda nbdew u li mistenni jkunu lestu fi ftit xhur. Hi qalet li parti mis-somma ghal dan ix-xoghol gew mill-MEPA u li zewg billboards tax-xogholijiet ghandu jigu esposti fuq il-post.

7. **APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U WRITING OFF TA' ASSI TAL-KUNSILL**

Gew approvati l-pagamenti ta' Marzu. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li ha jitnehhew minn fuq il-kotba l-assi li kienu gew misruqin is-sena l-ohra kif ukoll il-wheelchairs etc li kienu nxtraw ghall-uzu mit-tfal tal-Kullegg San Nikola u Santa Katerina.

8. **TENDERS**

Is-Sur Cordina qal li l-ahjar hu li l-Kunsill jezamina bil-kwiet ir-rati u wara li jiltaqa' l-Bord, din it-tender tigi aggudikata fil-laqgha li jmiss.

9. **PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Jitranga l-istess bollard li ntlaqat mill-vetturi tal-Farenheit.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Gbir ta' skart u riciklagg
  -Saqsa x'inhi l-istatistika tal-iskart migbur minn mindu dahlu t-tariffi l-godda tal-landfill?
  -Saqsa x'inhuma l-figuri tal-iskart migbur ghar-riciklagg it-Tlieta u mill-Greenpak?
  -Talab sabiex issir laqgha biex naraw kif nistghu inzidu l-iskart migbur ghar-riciklagg u biex niddiskutu l-andament tal-iskema
  -Qal li l-Kunsill ghandu jara li l-hwienet jiehdu hsieb il-gbir tal-iskart taghhom. Hawn hwienet qed johorgu z-zibel sahansitra nhar ta' Tlieta. Ghandu jara kif jasal ghal ftehim mal-Kumitat Kongunt dwar infurzar kontra dawk li qed jibqghu johorgu z-zibel imhallat it-Tlieta.
  -Talab sabiex isir regolarment biex jinqabdu persuni qed iqeghdu boroz taz-zibel hdejn il-'bring-in site' ta' Triq il-Mosta. Qed isir sforz biex jinqabdu?
- Gnien il-Palma Qal li:
  -Hemm hafna bicciet ta' gebel jigri mal-gnien. Ghalkemm il-gnien ghandu bzonn hafna xoghol b'naqra attenzjoni, jista' jinzamm hafna ahjar milli hu
  -Thawwlet lantana (arbuxell) kif mitlub. Xtaq jigbed l-attenzjoni li minghajr tisqija seta' ma thawwel xejn. Jahseb li hija xi haga bazika hafna li xitel ikollu bzonn tisqija regolari
  -Ma jaghmilx sens li dik li kienet funtana tithalla fil-gnien. Fl-opinjoni tieghu, ghandha titnehha kompletament.
- Gardina tal-Gibjun – Triq il-Pitkali/Triq il-Gradilja

-Qali li l-filati ta’ kanten li jiffurmaw il-bordura madwar din il-gardina jew imkissra jew maqlubin.Ghandhom jissewwew minnufih.

- Bike Racks
  - Propona li jkomplu jzidu l-bike racks – wahda fejn is-supermarket/bus stop fi Triq il-Mosta u ohra meta jitlesta Gnien Hal Warda
- HSBC
  - Saqsa meta se tithawwel palma ohra hdejn l-HSBC? Ga saret talba ghall-sponsorship lill-HSBC
- Triq Xatbet l-Art
  - Hemm hafna zibel. Ghandu jsir rapport lill-unit tal-MEPA dwar id-‘dumping’. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha jipprova jitnehha hafna minn dan waqt ix-xoghol ta’ Gnien Hal-Warda.
- Pannelli fotovoltajici – Skola Primarja Tumas Dingli
  - Saqsa jekk jistax jkollna taghrif dwar l-elettriku ggenerat mis-sistema fotovoltajika li giet installata fuq l-iskola? Dan it-taghrif kien ga intbaghat mat-tender meta gie nstallat l-apparat.
- Wi-Fi
  - X’qed jigri fuq is-sistemi Wi-Fi fil-gonna? Saret applikazzjoni permezz ta’ Memo 51.
- Triq in-Nutar Zarb
  - Propona li jergghu jithawwlu sigar kbar fi Triq in-Nutar Zarb fejn dawn huma neqsin. Ikun hemm bzonn jitqabbad xi hadd professjonali ghax il-konok ikollhom jergghu jithaffru. Alfred Baldacchino li huwa espert f’dan il-qasam, issuggerixxa li biex ma jkunx hemm problema ta’ gheruq li jifirxu lejn il-bini, tindifen kanna kbira twila xi 2 metri u s-sigra tithawwel fiha. Jista’ jigi kkuntattjat mill-Kunsill biex isegwi dat-tip ta’ xoghol. Sigar kbar f’toroq traffikuzi jilqghu t-tniggis mill-karozzi u jtaffu l-hsejjes tat-traffiku. Ga saret applikazzjoni lill-ELC sabiex dawn il-konok jintlew.
- Gnien Hal Warda
  - Saqsa jekk tistax issir laqgha dwar Gnien Hal Warda mal-Perit? Xtaq jistieden xi persuni biex ituna pariri dwar is-sigar li ghandhom jithawwlu jew jinbidlu.
- Toroq u bankini fi stat hazin
  -Bankina Triq l-Istwiel
  -Triq l-Inhasa
  -Triq il-Marg
- Gnien il-Kunsill (Triq l-Inhasa)
  - Fakkar biex jimtela’ l-ispazju bejn it-tarag u l-hajt – qed iservi ta’ mizbla. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmatu li dan ga lest.
- Gnien Misrah Kola
  -Saqsa meta se jitwahhal l-apparat tal-loghob? Dan l-apparat se jitwahhal kif jigi minn barra.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Cempillu s-Sur Mugliet rigward xi arbli quddiem il-Palazz tal-President li hemm bzonn jinzebghu.
- Gie avvicinat minghand residenti rigward twaqqiegh ta’ hajt fl-area ta’ Mario Cortis u li bhala Kunsill ma kienx hemm oggezzjoni biss is-Sur Cassar zied li l-ahjar ir-residenti jtkellmu lill-Perit taghhom.

## 8. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.45pm ghat-Tlieta, 11 ta’ Mejju 2010.

________________________ ____________________
Sindku Data